31998R2387

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (EURATOM) Nru 2387/98
tat-3 ta' Novembru 1998
li jirrigwardja l-adeżjoni mill-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u l-Komunità Ewropea, huma u jaġixxu bħala parti waħda, ma' Ftehim li stabbilixxa fl-1993 Ċentru tax-Xjenza u t-Teknoloġija fl-Ukraina bejn il-Kanada, l-Iżvezja, l-Ukraina u l-Istati Uniti ta' l-Amerika

IL-KUMMISJONI TA' KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara l-kkonsidra l-approvazzjoni tal-Kunsill,

Billi l-adeżjoni mill-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Komunità Ewropea, huma u jaġixxu bħala Parti waħda, mal-Ftehim li stabbilixxa fl-1993 Ċentru tax-Xjenza u t-Teknoloġija fl-Ukraina bejn il-Kanada, l-Iżvezja, l-Ukraina u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, għandu jiġi approvat f'isem il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-adeżjoni mill-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Komunità Ewropea, huma u jaġixxu bħala Parti waħda, mal-Ftehim li stabbilixxa fl-1993 Ċentru ta' Xjenza u Teknoloġija fl-Ukraina bejn il-Kanada, l-Iżvezja, l-Ukraina u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, kif modifikat mill-Protokoll tas-7 ta' Lulju 1997 (minn issa "l quddiem imsemmi bħala" l-Ftehim'), u d-Dikjarazzjoni tal-Komunitajiet Ewropej li għandha x' taqsam ma' l-Artikolu 1 huma hawnhekk approvati f'isem il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

It-testi tal-Ftehim, l-Istrument ta' l-Adeżjoni, u d-Dikjarazzjoni huma annessi ma' dan ir-Regolament [1].

Artikolu 2

Rappreżentattiv wieħed tal-Komunità fil-Bord Amministrattiv għandu jinħatar minn kull wieħed mill-Kunsill u l-Kummissjoni skond l-Artikolu IV(Ċ) tal-Ftehim.

Artikolu 3

Iċ-Ċentru tax-Xjenza u Teknoloġija fl-Ukraina għandu personalità legali u se jgawdi l-kapaċità legali l-aktar estensiva mogħtija lil persuni legali skond liġijiet applikabbli fil-Komunita, u partikolarment, jista' jikkuntratta, jakkwista jew jiddisoponi minn propjetà mobbli u immobbli u jkunu parti minn proċedimenti legali.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' Novembru 1998.

F' isem il-Kummissjoni

Il-President

Jacques SANTER

[1] ĠU L 225, tat-12.8.1998, p. 4.